**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 1 ta' Frar, 2019**

**Il-Pulizija**

**Supretendent Josric Mifsud**

**vs**

**Giovanna Pace**

**Mark Pace**

**Omississ**

**Omississ**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta':

Giovanna Pace detentrici tal-Karta tal-Identita' numru 27551M; u

Mark Pace detentur tal-Karta tal-identita numru 87770M; u

Omissis; u

Omissis

Akkuzati talli f' dawn il-Gzejjer fl-20 ta' April 2004 u matul l-ahhar erba' xhur qabel din id-data, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li kienu maghmulin b' rizoluzzjoni wahda:

a) Assocjaw ruhom flimkien u/jew ma xi persuna jew persuni ohra f' dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbieghu jew jittraffikaw medicina (eroina, kokajina u raza tal-cannabis) f' dawn il-Gzejjer, kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluzi, Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromovawjew ikkostitwew, organizzaw, jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 22 (1)(f), tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Talli wkoll fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jfornu id-droga u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellhom licenzja jew xorta ohra awtorizzati

li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Talli wkoll kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort ohra, awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u nuqqas li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

d) Talli wkoll bieghew jew xort' ohra ittraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

e) Talli wkoll kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema

droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

f) Talli wkoll fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni ta' Malta minghajr ma kienu awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jfornu id-droga u minghajr ma kienu fil pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellhom licenzja jew xorta ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) Talli wkoll kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom

skond ir-ricetta kif provdut fir-regolament imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/ 1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall uzu esklussiv taghhom.

Mark Pace akkuzat wahdu talli wkoll f' Hal Farrug, Hal Luqa fl-20 t' April 2004 ghall-habta tas-2:00pm:

h) Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-iSpettur Josric Mifsud, Ps 114 Massimo Persiano, Ps 951 Joseph Tonna, Ps 1086 Johann Micallef, WPS 45 Marisa Bartolo, PC213 Nikolai Borg, PC 365 Malcolm Grixti, PC 1213 Carlos Axisa, PC 1220 Christopher Baldacchino u lil WPC 119 Cynthia Camilleri bhala Ufficjali inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini tal-artikolu 95, tal-Kodici Kriminali Kap 9,
i) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra l-iSpettur Josric Mifsud, PS 114 Massimo Persiano, PS 951 Joseph Tonna, PS1086 Johann Micallef, WPS 45 Marisa Bartolo, PC 213 Nikolai Borg, PC 365 Malcolm Grixti, PC 706 Norman Cremona, PC 1213 Carlos Axisa, PC 1220 Christopher Baldacchino u lil WPC 119 Cynthia Camilleri, bhala persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li aggixxew ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi

mill-awtorita kompetenti, ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

j) Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, b' ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi,

k) Sar recidiv b' sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-4 ta' Dicembru 2000 u sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mgt. Dr. Noel Camilleri) moghtija fis-26 ta' April, 2002

Giovanna Pace akkuzata waheda talli wkoll f' Hal Qormi fl-20 t' April 2004 ghall habta tas-2.15 pm;

l) Ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' WPS 45 Marisa Bartolo ai termini tal-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

m) Ukoll talli ma' obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u ma halliex jew fixkel waqt li WPS 45 Marisa Bartolo kienet qieghda taghmel dmira bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali,

n) Ingurjat jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1044 Gordon Calleja, WPS 45 Marisa Bartolo, PC 213 Nikolai Borg, PC 1220 Christopher Baldacchino, WPC 89 Mariella Spiteri, u lil WPC 119 Cynthia Camilleri bhala Ufficjali inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghom, jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz, ai termini tal-artikolu 95, tal-Kodici Kriminali Kap 9

o) Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra PS 1044 Gordon Calleja, WPS 45 Marisa Bartolo, PS 213 Nikolai Borg, PC 1220 Christopher

Baldacchino, WPC 89 Mariella Spiteri u lil WPC 119 Cynthia Camilleri bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li aggixxew ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il ligi mill awtorita kompetenti, ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Ommissis wahdu akkuzat wahdu talli wkoll:

p) Sar recidiv b' sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fid-29 ta' Lulju, 2002.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tissekwestra f' idejn terzi persuni b' mod generali, il-flejjes u l-propjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzati jew huma propjeta taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill akkuzati milli jittrasferixxu jew xort' ohra jiddisponu minn xi propjeta mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali tal-31 ta' Ottubru 2014 fejn l-istess Avukat Generali ordna li Giovanna Pace, Mark u omissis jigu processati quddiem din il-Qorti ghal ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn ghalhekk l-atti ntbaghtu lil din il-Qorti mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Novembru 2014.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 13 ta' Jannar, 2015 (inserita a fol. 1697 tal-atti processwali) fejn bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 31 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ordna illi Giovanna Pace, Mark Pace u omissis jigu processati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra taghhom ghall-ksur tal-prvvedimenti tal-istess Ordinanza u fejn wara li ra l-atti ta' kumpilazzjoni kontra Giovanna Pace, Mark Pace u omissis huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti taghhom taht dak li hemm mahsub;

1. Fil-konfront ta' Giovanna Pace wahedha:

- fl-Artikoli 214, 216, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
- fl-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Fil-konfront ta' Mark Pace wahdu:

- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Fil-konfront ta' Mark Pace u Giovanna Pace:

- Fl-Artikolu 95, 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Fil-konfront ta' Mark Pace u omissis:

- Fl-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Fil-konfront ta' Mark Pace, Giovanna Pace u omississ

- Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tat-13 ta’ Frar, 2015 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat Mark Pace kif registrata fl-atti waqt l-udjenza tad-9 ta’ Novembru, 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw assocjazzjoni fit-traffikar tad-droga, forniment u pussess aggravat ta’ droga eroina, kokaina u raza tal-kannabis. F’ April 2004 l-Iskwadra ta’ Kontra d-Droga ghamlet diversi granet ta’ osservazzjonijiet fl-akwata tar-residenza 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi, propjeta’ tal-imputata Giovanna Pace u ta’ zewgha u l-garaxx sottostanti fejn Anthony Pace, ir-ragel ta’ Giovanna Pace u missier l-imputat Mark Pace kellu negozju ta’ mechanic u bejgh ta’ spare parts. Waqt l-osservazzjoni maghmula mill-Iskwadra kontra d-Droga gew

osservati diversi persuni li ghamlu kuntatt mal-imputat Mark Pace u *ommissis*. Dawn il-persuni kienu Josephine Micallef, John Lawrence Formosa, Floyd Attard, Oscar Cassar u Philip Aquilina. Huma gew imwaqqfa u nstabu fil-pussess ta' droga.

Illi fl-20 ta' April 2004 diversi units li kienu fl-akwata ta' Hal Qormi nghataw struzzjonijiet sabiex jintercettaw u jwaqqfu vettura Toyota li fiha kien hemm l-imputati Mark Pace, Joseph Pace u Christopher Mazzitelli. Dawn twaqqfu fl-inhawi maghrufa bhal Ta' Kandja u gew arrestati. Minghand wiehed minnhom ittiehdu c-cwievet tal-fond 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi u fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Josric Mifsud, WPS 45 Marisa Bartolo, WPC 119 Cynthia Camilleri, PC 213 Nikolai Borg, PC 1213 Carlos Axisa u PC 1220 Chris Baldacchino gew ordnati jmorru jaghmlu tfittxija fir-residenza 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi.

Illi kif waslu fuq il-post WPS 45 tat struzzjonijiet lil WPC 119, PC 1213 u PC 1220 sabiex jibqghu ma' xi persuni li kienu barra r-residenza. Sakemm tat dawn l-istruzzjonijiet PC 213 beda tiela t-tarag tar-residenza. Hekk bdiet tiela t-tarag WPS 45 rat li l-kelba tal-imputata Giovanna Pace kienet hatfet lil PC 213.

Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni rrizulta li WPS 45 tat struzzjonijiet lill-imputata sabiex tnehhi l-kelba u fin-nuqqas ta' dan kienet ser tispara fuq il-kelba. WPS 45 u PC 213 xehdu li l-imputata rrifjutat li taghmel dan u minflok pruvat tidhol fil-kamra tas-sodda u taghlaq il-bieb. WPS 45 marret warajha u pruvat twaqqafha milli taghlaq il-bieb filwaqt li PC 213 kif heles mill-kelba mar fil-kcina peress li kien hemm mara u zewgt itfal.

Illi fil-frattemp WPC 119 u PC 1220 Chris Baldacchino semghu lil WPS 45 titlob l-ghajnuna u marru jassistuha. WPS 45 u PC 1220 irnexxielhom jifthu l-bieb. Kif fethu l-bieb l-imputata Giovanna Pace pruvat taqbad oggett ta' lewn kannella. WPS 45, WPC 119 u PC 1220 bdew jissieltu mal-imputata biex jehdulha l-oggett minn idejha izda dan tfarrak f'aktar minn bicca wahda b'bicca minnhom tigi f'idejn WPS 45.

Illi kif kienu qeghdin jissieltu mal-imputata hija gidmet lil WPS 45 f'kuxxitha. Dak il-hin dahlet il-kelba u l-imputata pruvat tkeskes il-kelba ghall-Pulizija. Il-kelba pruvat tattakkahom u fic-cirkostanzi PC 1220 kellu jisprejja *dog guard spray* sakemm il-kelba tgerrxet u harbet u l-imputata waqfet tissielet mal-Pulizja.

Illi l-Pulizija prezenti fir-residenza kienu sprovvisti minn manetti u ghalhekk hargu lill-imputata barra mill-kamra tas-sodda. Kif hija nharget mill-kamra riedet tmur fil-kamra tal-banju tahsel wiccha izda WPS 45 ma hallitiex. Hawnhekk l-imputata u r-ragel taghha pruvaw jagredixxu lil WPS 45 u PC 1220 bl-imputata jirnexxielha tidhol fil-kamra tal-banju u pruvat tiddisponi minn sustanza supettata bhala droga izda nharget minn WPS 45.

Illi sussegwentement kien hemm incident iehor fil-kcina. WPS 45 u WPC 89 Mariella Spiteri xehdu li l-imputata imbuttat lil WPS 45 bil-konsegwenza li din habtet ma' siggu jew mejda u waqghet mal-art. Rizultat ta' dan WPS 45 kellha tittiehed l-Isptar ghall-kura.

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2009 xehdet Dr Lina Janulova amministratur fl-Isptar Mater Dei li kkonfermat li WPS 45 iddahlet l-Isptar fl-20 ta' April 2004 u giet mibghuta d-dar dakinhar stess.

Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2009 xehdet il-konsulent Dr Mary Rose Cassar in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei li spjegat lit-tabib li kien ra lil WPS 45 kien Dr Kevin Zammit li fiz-zmien meta giet mehuda x-xhieda kien jahdem barra minn Malta. Skont kopja tan-notamenti tal-Isptar (vera kopja esebita fl-atti processwali bhala Dok. MRC 1 a fol 688 *et sequitur*) irrizulta li fl-20 ta' April 2004 Dr Kevin Zammit kien ra lil Maria Teresa Bartolo fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-Isptar St. Lukes. Il-pazjenta kienet giet aggredita u kellha gidma fin-naha ta' gewwa tal-koxxa tal-lemin u daqqa fuq in-naha ta' quddiem ta' ispalla tal-lemin izda ma kelliex ksur. Minn notamenti ma rrizultax jekk il-griehi li sofriet dakinhar kinux ta' natura hafifa jew gravi.

Illi fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2009 gie nominat it-tabib Mario Scerri bhala espert tekniku sabiex jikklassifika l-feriti deskritti fir-rapport ta' Dr Kevin Zammit. Huwa kkonstata li a bazi tar-rapport mediku tal-pazjenta Maria Theresa Bartolo l-griehi ma kinux ta' natura gravi.

Illi dwar il-griehi sofferti minn PC 213 konsegwenza tal-kelba huwa jghid li sofra biss grif ghaliex kellu *bulletproof vest* izda xorta wahda mar l-Isptar u ghand fotografu tal-Pulizija sabiex jigu fotografati l-grif.

Ikkunsidrat:

Illi fl-istqarrija tal-imputata rilaxxjata fil-21 ta' April 2004 (a fol 101 sa 103 tal-atti processwali) hija ghazlet li ma twegibx ghal ghadd ta' domandi li

sarulha dwar is-sustanzi misjuba fir-residenza taghha u dwar il-feriti ta' WPS 45 Marisa Bartolo. Ghall-ewwel tichad li ghamlet resistenza fuq il-pulizija meta saret it-tfittxija fir-residenza taghha. Sussegwentement hija stqarret li WPS 45 kellha arma ippuntata u hasbita halliela ghaliex ma semghatx lill-Pulizija jghidu li kienu "Pulizija" huma u telghin fir-residenza. Peress li hasbithom hallelin hija marret lejn il-kamra u ghajtet lill-kelba biex tidhol maghha fil-kamra.

Illi fl-istess stqarrija tghid li xi zmien qabel il-Pulizija kienu ghamlulha tfittxija u kienet iltaqghet isfel ma' WPS 45 izda ma setghatx tiftakar x' kienu c-cirkostanzi li ltaqghet maghha.

Illi dwar il-flus misjuba fil-kamra stqarret li dawn kienu taghha u tar-ragel taghha u gew frott ix-xoghol ir-ragel taghha.

Illi fix-xhieda taghha fl-udjenza tal-5 ta' April 2017 (a fol 1812 sa 1822 tal-atti processwali) l-imputata xehdet li fiz-zmien meta sehh il-kaz hija kienet tghix fl-istess residenza fejn saret tfitxija mill-Pulizija u kienet tghix flimkien mar-ragel taghha Anthony Pace u z-zewg neputijiet. It-tlett itfal taghha ma kienux jghixu hemm izda l-imputat Mark Pace kien imur izurha kuljum. Dakinhar tal-incident hija kienet flimkien man-neputijiet u ma' ommhom fil-kcina u semghu ghajjat u storbju gej mit-tarag. Kif semghet l-istorbju il-kelba harget tinbah. Bl-ghajjat u bl-inbiegh tal-kelba l-imputata ma setghatx tifhem x'kien qed jigri. Kif harget il-kelba l-imputata marret warajha biex tara x'gara u rat nies tilghin it-tarag li ma kienux lebsin hwejjeg tal-Pulizija. Hekk kif l-imputata harget tittawwal x'kien qieghed jigri wahda minn dawn il-persuni sprejatilha *pepper spray* f'ghajnejha u bdiet timbuttaha. Qalet li l-kelba ma setghetx tkeskisha ghall-Pulizija

ghaliex kellha ghajnejha jaharquha inoltre ma setghetx tghid lil kelba biex tmur tigdem lil-Pulizija u tobdiha.

Illi l-imputata spjegat li hekk kif kienet sejra lejn il-kcina tahsel ghajnejha daqq it-telefon u qabditu ghaliex kienet qed tistenna telefonata minghand bintha li dakinhar kellha lit-tifla taghha marida. Kif l-imputata qabdet it-telefon WPS 45 haditilha t-telefon minn idejha u tfixklet fil-wire tat-telefon. Tghid li hija ttiehdet biss fil-kcina biex tahsel wiccha u obdiet l-ordnijiet moghtija lilha mill-Pulizija.

Illi dwar il-muniti f'denominazzjoni ta' Lira Maltija mxerrdin mal-art, il-flus fil-pouch u flus ohrajn esebiti, tghid li dawn kienu tar-ragel taghha filwaqt li l-flus li kellha fil-*portmoney* taghha kienu biex thallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali u t-taxxa ghaliex kien ix-xahar ta' April.

Illi lejn l-ahhar tax-xhieda taghha tghid li hija qatt ma kellha x'taqsam ma' droga u ma trid lil hadd ikollu dan il-vizzju ghaliex binha ghandu dan il-vizzju. In kontro-ezami tghid li ma tafx kif id-droga spiccat fir-residenza taghha.

Illi fil-verbal tal-udjenza tal-5 ta' April 2017 il-partijiet qablu li l-fedina penali tal-ko-imputat Marco Pace (esebita a fol 20 sa 24 tal-atti processwali) tista' tintuza bhala prova in difesa tal-imputata Giovanna Pace.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-inkjesta 642/2004 gew nominati PS 239 Joseph Caruana u PC 1253 Fredrick Brincat bhala Scene of Crime Officers sabiex jaghmlu dak ix-xoghol kollu necessarju fil-kaz liema xoghol kien jinkludi t-tehid tar-ritratti,

tfittix ghal xi evidenza forensika li seta' kien hemm fil-fond 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi, elevar t'oggetti u kampjuni necessarji filwaqt li jippreservaw u jissigillaw dak kollu elevat. Fir-relazzjoni taghhom esebita fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2004 (a fol 225 et sequitur tal-att processwali) irrizulta li fost flus u oggetti ohra gew elevati:-

04 BAW 201 — Min gewwa l-kamra tas-sodda principali fl-art wara it-TV unit:-

- Zewg bicciet blokka ta' lewn kannella
- Borza tal-plastic kontenenti zewg boroz tal-plastik u wahda zghira bi trab kannella, borza tal-plastic wahda bi trab abjad, borza tal-plastik b'bicciet tal-blokka mfarka, bicca foil kontenenti blokka kannella.
- Borza tal-plastic kontenenti zewg boroz zghar tal-plastic bi trab kannella, tlett bicciet blokka kannella ta' daqsijiet differenti, ghaxar bicciet foil kontenenti sustanza blokka ta' lewn kannella

04 BAW 210 — Fil-kcina fil-pussess tal-Ispettur J. Mifsud:-

- Borza b'label tad-drugsquad kontenenti bicca tissue mkebba u bicciet ta' blokka kannella
- Borza b'label tad-drugsquad kontenenti bicca blokka lewn kannella
- Borza b'label tad-drugsquad kontenenti borza zghira kontenenti trab kannella

- Borza b'label tad-drugsquad kontenenti bicca blokka kannella

Ikkunsidrat:-

Illi dawn il-proceduri inbdew fil-konfront ta' erba' imputati. Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2004 Joseph Pace gie liberat stante li ma kienx hemm prima facie ragunijiet bizzejjed sabiex jitqieghed taht Att ta' Akkuza. Fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2016 giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju fis-sens li l-kaz ta' Christopher Mazzitelli jipprocedi separatament mill-kaz fil-konfront tal-imputati Giovanna Pace u Mark Pace. Fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2018 l-imputat Mark Pace ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz din il-Qorti jidrilha li dawn l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat Mark Pace kif minnu ammessi jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati taghhom. Ghalhekk jifdal biss sabiex din il-Qorti tikkunsidra jekk tirrizultax rejita' ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputata Giovanna Pace.

_L-ewwel imputazzjoni – Ir-reat ta' assocjazzjoni ma' persuni ohra sabiex tigi traffikata jew tinbiegh id-droga eroina, kokajina u raza tal-kannabis_

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputata tinsab akkuzata bir-reat ta' assocjazzjoni sabiex tigi traffikata jew tinbiegh id-droga eroina, kokajina u raza tal-cannabis jew talli ppromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat tali assocjazzjoni u cioe' ir-reat kontemplat fl-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-assjem tal-provi rrizulta li r-residenza tal-imputata hija sovrapposta ghal garage minn fejn allegatament kienet qed tigi traffikata d-droga. Il-garage jahdem fih ir-ragel tal-imputata u Christopher Mazzitelli u ta' spiss kien ikun hemm prezenti l-imputat Mark Pace. Meta saret it-tfittxija fir-residenza tal-imputata instabu 118.40 grammi raza tal-kannabis, 0.60 gramma kokaina u 13.30 grammi eroina – droga li l-imputata tghid ma tafx kif spiccat fir-residenza taghha.

Illi l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal/-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jkun hati ta' reat kull min:

> **"jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni."**

Skond l-Artikolu 22(1A):

> **"L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu."**

Illi dwar l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni in dizamina din il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghall-espozizzjoni legali ezawrjenti maghmula f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) tas-26 ta' April 2018 fil-kawza fl-ismijiet 'Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia' fejn intqal hekk:-

*Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101 dejjem gew ritenuti li huma erba u senjatament :*

> ***"1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ;***
> ***2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f' Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta ,***
> ***3. sabiex tigi traffikata d-droga; u***
> ***4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata.***
> ***It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu."[1]***

*Illi dawn il-kazijiet li jitrattaw l-assocjazzjoni fir-reat ta' l-importazzjoni u traffikar tad-droga spiss jipprezentaw certu diffikulta' lill-Prosekuzzjoni sabiex jissostanzjaw dina l-akkuza billi l-att materjal konsistenti fil-ftehim, bejn tnejn jew aktar minn nies, jipprezenta ruhu hafna drabi f'forma astratta b'dan illi min jkun ha l-briga li jassocja ruhu ma' terza persuna ghal fini biex tigi traffikata d-droga ser jara illi ma jhallix tracci warajh li b'xi mod jindikaw l-ezistenza ta' tali ftehim. Illi l-qrati taghna spiss gew rinfaccjati b'tali diffikulta kif johrog car mill-gurisprudenza in materja.*

*Illi is-sentenza li dahlet funditus fl-elementi tar-reat ta' l-assozjazzjoni hija* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul***[2]*, fejn din il-Qorti, kif diversament komposta, ikkowtat awturi u gurisprudenza meta sahqet illi l-prova tal-ftehim tista' tirrizulta minn inferenzi li johorgu mill-attivita kriminali li ssegwi dan il-patt kriminuz. Izda mhux biss, ghaliex jistghu jipprezentaw rwiehom kazijiet fejn dak pattwit ma jkunx gie attwat ghal xi raguni kemm indipendenti mill-volonta tal-malviventi, kif ukoll ghal motivi ohra li jistghu iwassluhom biex jiddesistu mill-agir kriminali b'mod volontarju. F' dawn il-kazijiet ir-reat tal-assocjazzjoni xorta wahda jissussisti bl-att materjali allura jkun il-ftehim milhuq bejn tnejn jew aktar:*

---

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb – deciza Qorti Kriminali – 05/01/2004
[2] Deciza 17/05/2005 App.Sup

**“F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw:**
**"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."**
**"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."**

Illi f’ sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri tat-2 ta’ Novembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet ‘The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden’ imbaghad intqal hekk wara li gie kwotat il-bran minn Archbold appena indikat hawn fuq :-

In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However it is in agreement with what is stated therein as it is quite clear from the said quotation that evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself Indeed the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved “in the usual way” –

> so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy. Unfortunately defence counsel misinterpreted that quotation and wrongly submitted that proof of the existence of a conspiracy has to be deduced or inferred from the criminal acts of the parties, and even seems to have led the first Court to understand that that was the conclusion to be derived from the Godfrey Ellul case. This is clearly incorrect. As one finds stated on the 2008 Edition of Blackstone's Criminal Practice.
>
> "There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In Murphy (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference decided from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, inter alia, by direct testimony, secret recordings or confessions..."
>
> This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text The Criminal Law of Scotland makes reference to the dictum of Lord Avonside in Milnes and Others (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed this is the very essence of conspiracy."

Illi din il-Qorti trid ghalhekk tara jekk mill-provi diretti kif ukoll dawk cirkostanzjali prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jistax jitqies li jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputata Giovanna Pace kienet parti minn cirku ta' nies li ftehmu li jbieghu jew jitraffikaw eroina, kokajina u raza tal-cannabis jew ippromoviet, ikkostitwiet jew organizzat jew iffinanzjat l-assocjazzjoni.

Illi fis-sentenza 'Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia' citata aktar il-fuq saret is-segwenti referenza dwar l-inferenza:-

> **"….. as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.**
>
> **"Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): "You won't often get eyewitnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."**
>
> **"The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt."**

Illi wara ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz din il-Qorti jidrilha li bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputata Giovanna Pace tista' tinstab hatja tar-reat ta' assocjazzjoni li bih tinsab akkuzata permezz tal-ewwel imputazzjoni. Dan jinghad ghaliex mill-provi

rrizulta li t-traffikar tad-droga kien isir mill-garaxx sottostanti r-residenza tal-imputata fejn kien jezercita in-negozju ta' mechanic u bejjiegh ta' spare parts zewgha Anthony Pace u fejn kien ikun ta' spiss binha Mark Pace li gie indikat bhala l-persuna li minghandu l-persuni mwaqqfa mill-Pulizija kienu jixtru d-droga. Inoltre minn imkien mill-provi ma rrizulta li l-imputata kienet involuta fil-bejgh tas-sustanzi illeciti jew li altrimenti kien hemm xi ftehim bejnha u bejn terzi sabiex tigi traffikata d-droga. Isegwi ghalhekk li hija ma tistghax tinstab hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u cioe' dik immarkata bhala (a).

*t-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet – Traffikar tad-droga eroina, kokaina u raza tal-kannabis*

Illi dawn l-akkuzi huma relatati in kwantu jikkoncernaw allegat traffikar mill-imputata tad-droga eroina, kokaina u raza tal-kannabis.

Illi mill-istqarrijiet u x-xhieda tal-persuni mwaqqfa u arrestati waqt l-osservazzjonijiet f'April 2004 – Philip Aquilina (a fol 53, 54, 216 *et sequitur* tal-atti processwali), Floyd Attard (a fol 81, 82, 184 *et sequitur* tal-atti processwali), Charlot Calleja (a fol 79, 80, 214 *et sequitur* tal-atti processwali), Oscar Cassar (a fol 50 u 50A tal-atti processwali), John Lawrence Formosa (a fol 91, 92, 181 *et sequitur* tal-atti processwali), u Josephine Micallef (a fol 68, 69, 188 *et sequitur* tal-atti processwali) – hadd minnhom ma jaghmel riferenza jew accenn li d-droga misjuba fil-pussess taghhom giet fornuta jew akkwista minghand l-imputata.

Illi l-Ispettur Josric Mifsud fil-kontro-ezami tieghu (a fol 1701 sa 1709 tal-atti processwali) ikkonferma li huwa ma kienx rcieva stqarrijiet li l-imputata Giovanna Pace kienet qed tittraffika d-droga. Minkejja dan l-akkuzi

nhargu kontriha (i) in vista tas-sustanzi li nstabu fir-residenza taghha, (ii) ta' dak li rat WPS 45 Marisa Bartolo meta rat lill-imputata Giovanna Pace tipprova tiddisponi mid-droga u (iii) fuq direzzjoni tal-Avukat Generali.

Illi isegwi ghalhekk li ma jistghax jitqies li tirrizulta r-rejita' fil-konfronti tal-imputata Giovanna Pace ghat-tieni, r-raba' u s-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u cioe' dawk immarkati bhala (b), (d) u (f).

*It-tielet, il-hames u s-seba' imputazzjonijiet – Pussess tad-droga eroina, kokaina u raza tal-kannabis*

Illi dwar l-akkuzi koncernanti l-pussess tad-droga eroina, kokaina u raza tal-kannabis, mir-rapport tal-analista Godwin Sammut nominat mill-Magistrat Inkwerenti (esebit bhala Dok. GS 1 a fol 115 sa 175 tal-atti processwali) fl-20 ta' April 2014 irrizulta li s-segwenti oggetti elevati mis-*Scene of Crime Officers* mir-residenza tal-imputata kien fihom is-segwenti sustanzi:-

a. F'estratt mehud mill-blokki ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 04 BAW 210a instabet is-sustanza Tetrahydrocannabiol. Il-Piz tal-blokki kien ta' 32.90 grammi u l-purita ta' cirka 55%;
b. F'estratt mehud mill-blokki ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 04 BAW 210b instabet is-sustanza Tetrahydrocannabiol. Il-Piz tal-blokki kien ta' 20.60 grammi u l-purita ta' cirka 60%;
c. F'estratt mehud mill-blokki ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 04 BAW 210c instabet is-sustanza Tetrahydrocannabiol. Il-Piz tal-blokki kien ta' 43.20 grammi u l-purita ta' cirka 55%;

d. F’estratt mehud mill-blokki ta’ lewn kannella li hemm fid-dokument 04 BAW 210d instabet is-sustanza Tetrahydrocannabiol. Il-Piz tal-blokki kien ta’ 21.70 grammi u l-purita ta’ cirka 30%;
e. F’estratt mehud mit-trab ta’ lewn bajdani li hemm fid-dokument 04 BAW 210b instabet is-sustanza Kokaina. Il-Piz totali tat-trab huwa ta’ 0.60 grammi u l-purita ta’ cirka 8%;
f. F’estratt mehud mit-trab ta’ lewn kannella li hemm fid-dokument 04 BAW 210b, 210c u 210d instabet is-sustanza Eroina. Il-Piz totali tat-trab huwa ta’ 13.30 grammi u l-purita ta’ cirka 85%.

Illi mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni rrizulta li kif WPS 45 u PC 1220 fethu l-bieb tal-kamra tas-sodda tal-imputata marret lejn bicca ghamara u pruvat taqbad oggett li rrizulta li kien sustanza ta’ lewn kannella. WPS 45, PC 1220 u WPC 119 pruvaw jiehdu s-sustanza minn idejha bil-konsegwenza li din tfarrket f’ghadd ta’ bicciet.

Illi wara li gie sprejat *dog guard spray* l-imputata talbet li tmur fil-kamra tal-banju tahsel ghajnejha. Skont ix-xhieda ta’ WPS 45 l-imputata pruvat tehles mis-sustanza fit-*toilet*. Dan jinsab ikkorraborat mix-xhieda ta’ WPC 89 Mariella Spiteri (a fol 266 et sequitur tal-atti processwali):

> Fit-24/01 fuq struzzjonijiet tas-Sur Harrison morna fil-post 61, Mill Street, Qormi, fejn hemm hekk x’hin wasalna insibu lil Giovanna u jien u PC213 bdejna is-search taghna id-dar, fejn dhalna fil-kamra ta’ Giovanna tas-sodda, u x’hin PC 213 caqlaq din il-cupboard u television fuqu, caqalqu ‘il barra sibna suspettata li kienet droga, b’xeba foils go paketti. Min hemm hekk morna fil-kamra tat-toilet u minn got-toilet gbart borza bit-trab kannella u fl-art bicca blokka kannella skura, il-kulur taghha kien skur.

Illi fit-trattazzjoni d-difiza argumentat li r-residenza 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi kienet ukoll ir-residenza ta' wiehed mill-ulied tal-imputata – Joseph Pace kif ukoll id-droga ma nstabitx fil-kamra taghha u ghalhekk ma kienx hemm kontroll esklussiv mill-imputata fuq id-droga misjuba.

Illi dwar ir-residenza ta' Joseph Pace, mill-istqarrija tieghu tal-21 ta' April 2004 (a fol 108 u 109 tal-atti processwali) jirrizulta li huwa kien jghix fil-Belt Valletta ma' nanntu ta' 85 sena u kienu ilu jghix maghha bejn tlieta u erbgha xhur qabel dan il-kaz.

Illi dan irrizulta wkoll mix-xhieda tal-imputata stess li fl-udjenza tal- 5 ta' April 2017 (a fol 1812 sa 1822 tal-atti processwali) stqarret li fiz-zmien meta sehh il-kaz hija kienet tghix fl-istess residenza u kienet tghix mar-ragel taghha Anthony Pace u z-zewg neputijiet taghha. It-tlett itfal taghha ma kienux jghixu hemm izda l-imputat Mark Pace kien imur izurha kuljum. Fix-xhieda taghha tal-5 ta' April 2017 (a fol 1821 tal-atti processwali) l-imputata xehdet li hija qatt ma kellha x'taqsam ma' droga u ma trid lil hadd ikollu dan il-vizzju ghaliex binha ghandu dan il-vizzju.

Illi ghalkemm WPS 45, PC 1220 u WPC119 xehdu li d-droga nstabet fil-kamra tas-sodda principali fir-residenza tal-konjugi Pace u l-Prosekuzzjojni qeghda ghalhekk issostni li l-istess droga kienet fil-pussess tal-imputata, mir-ritratti mehuda mis-Scene of the Crime Officers effettivament jirrizulta li kiin hemm single bed fil-kamra fejn instabet id-droga. Tenut kont tal-fatt li mill-provi rrizulta li l-ko-akkuzat Marco Pace kellu l-vizzju tad-droga u kien maghruf mal-Pulizija bhala persuna nvoluta fit-traffikar tad-droga u tenut kont li mill-provi rrizulta wkoll li huwa kien jiffrekwenta d-dar tal-genituri tieghu kuljum, ghalkemm ma kienx qed joqghod hemm u kien ukoll jinqeda bil-garaxx ta' missieru sottostanti ghal

din ir-residenza sabiex ibiegh id-droga, u tenut kont ukoll li l-imputata Giovanna Pace ma kelliex il-vizzju tad-droga, il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li d-droga li nstabet kienet fil-pussess tal-imputata Giovanna Pace.  Kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza mill-provi migjuba mill-PRosekuzzjoni gie pruvat li l-imputata kienet qed tipprrova teqred prova konnessa mal-ezekuzzjoni ta' reat meta pruvat tiddisponi mis-sustanza tal-lewn kannella izda hija ma gietx addebitata b'akkuza f'dan is-sens.

Illi l-imputata Giovanna Pace ghalhekk ma tistghax tinstab hatja tat-tielet, tal-hames u tas-seba' imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha, u cioe' dawk immarkati bhala (c), (e) u (g).

*<u>Feriti gravi fuq il-persuna ta' WPS 45 Marisa Bartolo ai termini tal-Art. 218 tal-Kap 9, il-kontravenzjoni taht l-Artiklu 338 (ee) u r-reati taht l-Artikli 95 u 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>*

Illi stante li l-akkuzi ghandhom in komuni l-istess incident u l-akkuzi msemmija fl-Artikli 218 u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jigu komprizi fl-Art.95 jew 96 tal-Ligijiet ta' Malta dawn ser jigu trattati flimkien.

Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2009 xehdet il-konsulent Dr Mary Rose Cassar in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei li spjegat lit-tabib li kien invista lil WPS 45 kien Dr Kevin Zammit li kien jinsab jahdem barra minn Malta. Skont kopja tan-notamenti tal-Isptar (vera kopja esebita fl-atti processwali bhala Dok. MRC 1 a fol 688 *et sequitur*) irrizulta li fl-20 ta' April 2004 Dr Kevin Zammit kien ra lil Maria Teresa Bartolo fid-Dipartiment tal-Emergenza f'St. Lukes.  Il-pazjenta giet aggredita u kellha gidma fin-naha

ta' gewwa tal-koxxa tal-lemin u daqqa fuq in-naha ta' quddiem ta' ispalla tal-lemin izda ma kelliex ksur.

Illi fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2009 gie nominat it-tabib Mario Scerri bhala espert tekniku sabiex jikklassifika l-feriti deskritti fir-rapport ta' Dr Kevin Zammit. Huwa kkonstata li a bazi tar-rapport mediku l-istess feriti tal-pazjenta Maria Theresa Bartolo ma kienux ta' natura gravi.

Ghaldaqstant il-griehi ma jinkwadrawx taht l-Art. 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tinsab mixlija bih l-imputata izda taht l-Art. 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-aggravanti msemmija fl-Art. 222(1) (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputata giet akkuzata wkoll bir-reat kontemplat fl-Artiklu 95 tal-Kap. 9 talli ngurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PS 1044 Gordon Calleja, WPS 45 Marisa Bartolo, PC 213 Nikolai Borg, PC 1220 Christopher Baldacchino, WPC 89 Mariella Spiteri, u lil WPC 119 Cynthia Camilleri bhala Ufficjali inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghom, jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Illi inoltre l-imputata tinsab akkuzata bl-Artiklu 96 tal-Kap. 9 li attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra PS 1044 Gordon Calleja, WPS 45 Marisa Bartolo, PS 213 Nikolai Borg, PC 1220 Christopher Baldacchino, WPC 89 Mariella Spiteri u lil WPC 119 Cynthia Camilleri bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li aggixxew ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il ligi mill awtorita kompetenti.

Illi l-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. L-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> "Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid jigi ippruvat ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Illi l-Artikolu 96, imbaghad, ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Jekk ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid:

   "**It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith**". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95.

   Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-mens rea ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence

> committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi jirrizulta li l-ufficjali tal-pulizija nvoluti f'dan l-incident kienu qeghdin jagixxu in esekuzzjoni ta' struzzjonijiet moghtija mis-superjuri taghhom hekk kif gie kkonfermat minn bosta mix-xhieda fosthom WPS 45 (a fol 238 *et sequitur* tal-atti processwali), WPC 89 (a fol 266 tal-atti processwali), PS 1044 (a fol 269 tal-atti processwali) u PC1220 (a fol 343 tal-atti processwali).

Illi fl-istqarrija tal-imputata rilaxxjata fil-21 ta' April 2004 (a fol 101 sa 103 tal-atti processwali) hija cahdet li ghamlet resistenza fuq il-pulizija li dahlu fir-residenza taghha izda meta giet mistoqsija ghalfejn kellu jkun hemm tliet pulizija fuqha l-iskuzanti taghha hija li WPS 45 kellha arma ppuntanta

lejha[3] u hasbet li l-Pulizija kienu hallelin. Ta' min jinnota li minkejja l-imputata tghid li hasbithom hallelin, fl-istess stqarrija tghid ukoll li ma' WPS 45 Marisa Bartolo kienet diga iltaqghat maghha f'okkazzjoni precedenti[4]. Dan huwa kkorraborrat mix-xhieda in kontro-ezami ta' PC 1220 (a fol 345 tal-atti processwali) fejn qal:-

> Meta hdalna (*sic*) ahna konna kollha plain clothes. Il-kelma pulizija li semmejt fuq sidri fuq tieghi ma kientx tidher fuq ta' l-ohrajn ma nafx. **Pero' tant gharfitna l-imputata li lili qaltli illi l-45 ilha imqabbda mat-tifel taghha. Qaltli hekk wara li WPS45 kienet l-isptar, kont ghadni fir-residenza taghha, pero' l-pulizija kienet ittiehdet l-isptar**. Ahna ma cempilnix il-bieb, qbadna u dhalna.

Illi inoltre mix-xhieda ta' WPS 45, PC 1220 u WPC 119 jidher li l-imputata pruvat tissakkar fil-kamra tas-sodda tant li WPS 45 kellha titlob l-ghajnuna tal-pulizija ohra, meta pruvaw jehdulha s-sustanza kannella li kellha f'idejha dawn kellhom jissieltu maghha bil-konsgwenza lis-sustanza tfarket aktar minn bicca wahda kif ukoll naqset milli tobdi l-ordinijiet taghhom meta dawn qalulha tnehhi l-kelba li kienet imqabbda ma' PC 213, giet ordnata ma setghetx tmur fil-kamra tal-banju u rnexxielha tidhol f'din il-kamra kif ukoll hebbet ghal WPS 45 bil-konsegwenza li kaggunatilha griehi hfief.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-Proskeuzzjoni rnexxilha tipprova li tirizulta re-jita' taht l-Artikoli 221(1), 95, 96 u 338(ee) tal-Kodici Kriminali u hija sejra tinstab hatja tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (l). (m), (n) u (o).

---

[3] WPS 45 Marisa Bartolo u WPC 119 Cynthia Camilleri xehdu li l-arma li kellha WPS 45 Marisa Bartolo nghatat lil WPC 119 ghaliex WPS 45 ma setghetx tkompli xogholha sew biha u dan ghliex ma setghetx iddahhal l-arma fil-holster minhabba bulletproof vest (a fol 241 u 264 tal-atti processwali)

[4] Fix-xhieda ta' WPS 45 Marisa Bartolo (a fol 250 tal-atti processwali) hija tghid "Ma' genb din ir-residenza hemm garaxx u jiena kont mort darb ohra fil-garaxx u mhux fir-residenza".

Ghall-finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputata Giovanna Pace il-Qorti kkunsidrat il-fatt li hija ghandha fedina penali nadifa u inoltre l-Qorti applikat il-pieni in vigore fiz-zmien meta gew kommessi ir-reati li taghhom qed tinstab hatja. Fil-konfronti tal-imputat Mark Pace il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat kif ukoll il-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li ghandha tigi applikata piena karcerarja effettiva ta’ hmistax (15) -il xahar u multa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-13 ta’ Jannar 2015 u senjatament l-Artikoli 22 (1)(f), 6,8, 9 u 22(2)(b)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 8, 8(a) tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 95, 96, u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat Mark Pace hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah hmistax (15)-il xahar prigunerija u multa ta’ hamest elef Ewro (€5,000).

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-13 ta’ Jannar 2015 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 95, 96, 214, 215, 222(1), 222(1)(c) u 338(ee) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata Giovanna Pace hatja tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (l), (m), (n) u (o) izda in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhal (l) hija qed tinstab hatja biss li kkawzat griehi ta’ natura hafifa, u tikkundannaha tnax (12) -il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum.  Il-Qorti tiddikjara lill-imputata Govanna Pace mhux hatja tal-bqija

tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha minnhom.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati Mark Pace u Giovanna Pace sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitluba mir-Registratur tal-Qorti jħallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed lill-istess Registratur tal-Qorti is-somma ta' elf mitejn u sittin Ewro (€1260)[5] liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan i-kaz.

B'applikazzjoni tal-Artikoli 23(1), 23A u 23 B (1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus[6] esebiti waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2004 u li huma mmarkati bhala dok JMX 1.

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita f'dawn il-proceduri u mmarkata bhala Dok JMX 1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**Magistrat**

Graziella Abela
Deputat Registratur

---

[5] Godwin Sammut pg 115-175 Lm82.50, Dr Jonathan Joslin pg 767-771 Lm71, Robert Cardona pg 775-792 Lm80, Marin Bajada pg 1077-1122 €396.20 u Dr Steven Farrugia Sacco pg 1283-1260 €319.96

[6] Cedola Numru 55/2018 Cash No 1375/02/2018 €14,064.76 (flus maltin gew konvertiti f' ewros fis-26.2.2018)